MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 101/2005

Gourmet Company Limited .

vs

Anthony Vella .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet illi :

Illi fil-11 ta' Ottubru, 2005 ingħatat sentenza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Mariano Vella u b'degriet tal-4 ta' Marzu 2004 stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawża l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anthony Vella versus Soċjeta' Gourmet Company Limited" mogħtija minnha fil-11 ta' ottubru 2005 (appell Civili Nru. 246/96), li biha l-appell ta' Gourmet Company Limited ġie miċħud u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri tat-13 ta' April, 1999 ġiet ikkonfermata .

Illi Gourmet Company Limited ipprezentat fir-reġistru ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fi grad ta' appell skond l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 .
Illi Gourmet Company Limited ippreżentat rikors a tenur ta' l-artikolu 823 tal-Kap. 12 li bih talbet it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm tiġi deċiża t-talba għal ritrattazzjoni .

Illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lis-soċjeta' Rikorrenti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-attur, stante li dan huwa Każ ta' ripreża ta' pussess ta' azjenda u business concern .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Mariano Vella -vs- Soċjeta' Gourmet Company Limited" mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, fit-13 ta' April 1999 li ġiet ikkonfermata fi grad ta' Appell fil-11 ta' Ottubru 2005 .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Anthony Vella li huwa nġunt għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta attriċi ikkonfermata bil-ġurament ta' Savio Spiteri .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi qabel xejn l-esponenti jeċċepixxi illi din il-proċedura mhix dik korretta sabiex tintalab is-sospensjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza illi tkun għaddiet in ġudikat . Il-Proċedura korretta hija dik ta' rikors fit-termini tal-artikolu 823 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta . Din il-proċedura effettivament ġia ġiet utilizzata mill-attriċi, iżda bla ebda suċċess . Kwindi llum is-soċjeta' attriċi ma għandha ebda dritt teżerċita din it-tip ta' azzjoni, u t-talbiet tagħha għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kollha kontra tagħha .

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mill-premessi taċ-ċitazzjoni nnifisha ma jirriżulta ebda dritt fis-soċjeta' attriċi illi titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-appell – speċjalment la darba t-talba tagħha għas-sospensjoni tal-istess eżekuzzjoni ġiet definittivament miċħuda mill-Onorabbli Qorti tal-appell .

3. Illi lanqas ma hija korretta s-soċjeta' attriċi meta tallega illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lilha milli kieku ser ibati l-esponenti jekk l-eżekuzzjoni tiġi sospiża . U dan mhux qed jgħidu l-esponenti imma qalitu l-Onorabbli Qorti tal-Appell .

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza a tenur ta' l-artikolu 823 tal-kap. 12, u dana peress illi meta ġiet intavolata din il-kawża kien hemm pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell kawża għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża mill-istess Qorti .

Illi tali talba tintlaqa' biss jekk ikunu jissussistu l-kundizzjonijiet indikati fis-subinċiż (2) (a) u (b) ta' dan l-artikolu . Imma kif tajjeb jirrileva l-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, a tenur ta' l-istess paragrafu (2) ta' dan l-artikolu, meta l-kawża għar-ritrattazzjoni tkun qed tinstema quddiem il-Qorti ta' l-Appell, it-talba għat-twaqqif

mill-esekuzzjoni tas-sentenza li tkun qed tiġi ritrattata għandha ssir **b'rikors** quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell, ħaġa illi infatti jirriżulta li għamlet is-soċjeta' attriċi għal darba tnejn lil dik il-Qorti, li fiż-żewġ okkażjonijiet irrifjutat li żżomm it-twaqqif ta' dik is-sentenza[1] .

Apparti din l-irregolarita' proċedurali, jirriżulta illi llum din il-kawża għar-ritrattazzjoni tinsab deċiża,[2] u barra minn hekk is-soċjeta' attriċi ġia ġiet żgumbrata mill-fond *de quo* u l-pussess tiegħu ġie mgħoddi lill-konvenut preżenti[3] .

Għaldaqstant taħt l-ebda aspett, it-talba preżenti ma tista' qatt tirnexxi .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' attriċi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara dokti. AV1 a fol. 28 - 30 tal-process u Dok . AV2 a fol.31 – 32 .
[2] ara kopja tas-sentenza relattiva deciza fit-28 ta' Marzu 2006 .
[3] ara kopja tal-mandat ta' zgumbrament nru. 153/2005 degretat fl-20 ta' Ottubru 2005 li gie debitament esegwit .